MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 456/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bejn l-1 ta’ Marzu, 2009 u t-3 ta’ Gunju, 2009, minn gewwa Scotts Supermarket li jinsab Triq il-Mina ta’ Hompesch, Zabbar, ikkommetta serq ta’ diversi prodotti w affarijiet li l-valur taghhom jeccedi il-€2329.4 (LM1000) ghad-dannu ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, wara li rat il-fedina penali netta, l-fatt li l-appellat hu minuri, l-ammissjoni bikrija w il-kollaborazzjoni mal-Pulizija, sabet lill-appellat hati tal-akkuza migjuba tieghu w ikkundannatu ghal piena ta’ sena prigunerija.
Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w ordnat li tali piena ma sehhx hlief jekk l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sentejn. Fic-cirkostanzi m’hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-artikoli 383 et seq. u l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-10 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil omissis ghal sentenza ta’ prigunerija ta’ sena sospizi ghal sentejn minn dik i-data w minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti erogat piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal sentejn izda din il-piena ma kienitx fix-xorta w fil-kwantita’ taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat ammess mill-appellat. Meta wiehed iqis l-artikoli citati minn dik il-Qorti fis-sentenza taghha, wiehed jara li l-appellat gie misjub hati taht l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issa galadarba l-appellat ammetta li s-serq kien kwalifikat bil-valur eccedenti l-€2329.40 u l-persuna, l-minimum tal-piena erogabbvli f’dan il-kaz kellha tkun dik imsemmija fl-artikolu 279(b) u cioe’ ta’ tlettax il-xahar prigunerija b’massimu ta’ seba’ snin prigunerija. Inoltre bl-

applikazzjoni tal-artikolu 280(1) tal-Kapitolu 9, din il-piena lanqas setghet tigi applikata fil-minimum taghha.
Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghalkemm setghet, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tkun piena ta' prigunerija sospiza, kienet pero' taqa' taht il-mimimum preskritt mill-Ligi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti li skond l-Avukat Generali kienet wahda inqas minn dik li tikkomina l-ligi ghar-reat kontinwat kommess mill-appellat. Fil-waqt li l-appellant ma jobbjettax ghall-provvediment skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali per se, jghid li l-piena ta' prigunerija kellha tkun itwal milli hi.

Illi l-appellat instab hati tar-reat kontinwat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-E 2329.40c u bil-persuna. Issa skond l-artikolu 279 (b) l-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-Ewro 2329.40c hija dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa seba snin. Umbaghad, peress li r-reat hu wkoll akkumpanjat minn aggravanti wahda, cioe' dik tal-"persuna", skond l-artikolu 280 (1), din il-piena ma ghadhiex tinghata fil-minimu taghha. Dan skond l-artikolu 20 tal-Kap. 9 ifisser li l-piena li tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-inqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum, li f' dan il-kaz jammonta ghal tlieta w ghoxrin xahar u ghoxrin jum prigunerija (84 xahar – 13 il-xahar = 71 xahar li 1/3 tieghu jammonta ghal 23 xahar u ghoxrin jum. )

Hu minnu li stante r-reat kontinwat din il-piena skond l-artikolu 18 <u>tista</u>' tizdied bi grad jew tnejn. Pero' din iz-zieda hija wahda diskrezjonali f' idejn il-Qorti u mhux mandatorja.

Jidher pero' li l-Avukat Generali injora ghal kollox li l-appellat kien ghadu minorenni meta kkommetta r-reat in kwistjoni. Dan ifisser li skond l-artikolu 37 il-piena

ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Ghalhekk il-piena minima ta’ 23 xahar u ghoxrin jum setghet addirittura titnaqqas ghal wahda ta’ disa’ xhur bi tnaqqis ta’ zewg gradi u ghal wahda ta’ tlettax il-xahar bi tnaqqis ta’ grad wiehed.

Ergo l-piena erogata kienet tattalja perfettament ma tnaqqis li jigi bejn grad wiehed u tnejn fuq il-minimu mandatorju w ergo perfettament in regola.

Stante li l-appellat hu *first time offender* din il-Qorti ma tara ebda raguni legali ghaliex ghandha zzid il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li kienet wahda ekwa fic-cirkostanzi. Del resto, kif intqal, l-Avukat Generali mhux qed jobbjetta ghall-provvediment tas-sentenza sospiza nnifisha.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa manifestament infondat u jirrazenta l-appell fieragh.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Finalment, peress li l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax (18) sena meta kkommetta r-reati li issa qed jinstab hati taghhom, tordna li l-isem u l-konnotati l-ohra tal-appellant ma jissemmewx f’ kull rapportagg ta’ din is-sentenza fuq l-internet u fil-media.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------